MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1233/1995/2

**Anglu Zahra**

**Vs**

**Stephen Cachia, Editur tal-gurnal "Alternattiva"**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-harga ta' "Alternattiva" numru mija u erbghin tal-25 ta' Awissu – 8 ta' Settembru, 1995, f'kitba li dehret li dehret f'pagna 16 ta' l-istess gurnal f'kolonna ntitolata "Spuntini" u precizament fil-parti that ir-ras "Baruni" (Dokument A), gew attribwiti fatti determinanti li

huma foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur bl-iskop li huwa jigi espost ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Premess illi l-attur ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istampat hawn fuq riferit huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi ffissata minn din il-Qorti f’ammont li ma jeccedix elfejn lira Maltin (Lm2000) in linea ta’ danni bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok din l-azzjoni attrici kienet intempestiva ghax l-artikolu in kwistjoni ma kienx jirreferi ghall-attur imma ghall-persuna ohra bl-istess isem u kunjom. L-attur kellu rimedji ohra biex jiccara kull ekwivoku, inkluz id-dritt li ttih il-ligi ta' l-Istampa taht l-Artikolu 21;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu in kwistjoni ma kienx malafamanti la fil-konfront ta' l-attur u lanqas fil-konfront ta' haddiehor. L-artikolu jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni u *fair comment* maghmula in bona fede u bla dolo fuq materja li hija ta' interess pubbliku;

3. Illi kwantu ghal konvenut Mario Attard huwa jeccepixxi illi ma qarax l-artikolu in kwistjoni qabel il-pubblikazzjoni tieghu;

4. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet ta' l-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Stephen Cachia u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex jitlob lill-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-istampat li deher fil-gurnal "L-Alternattiva" fil-25 ta' Awissu 1995 u li jinsab esebit flimkien mac-citazzjoni kien libellus u malafamanti fil-konfronti tieghu, u talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma in linea ta' danni indikata fic-citazzjoni;

Illi l-attur in sostenn tat-tezi tieghu, oltre li esebixxa d-dokumentazzjoni kollha relattiva, ipprezenta affidavit fejn spjega it-tezi tieghu; waqt li l-konvenut ghalkemm ordnat biex jaghmel dan ghal snin shah huwa naqas illi jottempera ruhu u baqa’ ma pprezenta ebda affidavit jew prova in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Illi ezami tal-bosta verbali f'din il-kawza juru illi kien hemm tratattivi illi damu sejrin hafna bejn il-kontentendi biex il-vertenza tigi tranzatta u li skond il-verbal ta' l-Udjenza tat-3 ta' Novembru 1999 id-difensur tal-konvenut informa lill-Qorti li kien baghat abbozz ta' stqarrija li tista' twassal ghal transazzjoni u kien qed jistenna twegiba; proprju fl-

Udjenza ta' wara d-difensur ta' l-attur cahad illi kien ircieva din l-istqarrija pero` huwa fl-Udjenza tas-27 ta' Gunju 2001 ippropona illi ssir mill-konvenut id-dikjarazzjoni u apologija opportuna fil-konfront ta' l-attur permezz ta' zewg xandiriet fuq il-Capital Radio u permezz ta' pubblikazzjoni fil-gurnal "L-Orizzont" oltre li jithallsu l-ispejjez tal-kawza da parti tal-konvenut;

Illi fl-Udjenza tat-8 ta' Frar 2002 id-difensur gdid tal-konvenut informa lill-Qorti li kien accetta l-proposta imsemmija minn Dr. Vassallo u kien ukoll ottjena taxxa informi u kien talab differiment ghac-cessjoni anki peress kellha ssir pubblikazzjoni fil-gurnali. B'dana kollu ma jidhirx li saret il-pubblikazzjoni u li l-kawza baqghet pendenti;

Illi l-attur ipprezenta d-dikjarazzjoni li bi ftehim bejn il-kontendenti kellha tigi trasmessa fuq ir-radio u ppubblikata f'gurnal; illi l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu izda l-konvenut baqa' ma ghamel ebda sottomissjoni u ghalhekk il-Qorti sejra taqta' l-kawza fid-dawl ta' l-imsemmija rizultanzi;

Illi fl-ahhar udjenza pero` dehru iz-zewg difensuri u bi ftehim bejniethom gie pprezentat abbozz dwar dikjarazzjoni li fuqha kienu qablu l-partijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tiddeciedi t-Tieni Domanda billi in vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, tordna u tikkundanna lill-konvenut jiehu hsieb biex l-istqarrija li giet esebita u li tinsab a fol. 49 tal-process tigi ppubblikata fil-gurnal "L-Orrizont" u trasmessa fuq zewg xandiriet separati fuq il-Capital Radio u dan kollu a spejjez ta' l-istess konvenut, u dan fi zmien sitt gimghat millum; b'dan li jekk il-konvenut jonqos milli jaghmel il-pubblikazjoni u trasmissjoni konkordati fit-terminu prefiss,

l-istess attur huwa awtorizzat li jiehu hsieb hu li ssir din il-pubblikazzjoni u dawn ix-xandiriet dejjem a spejjez ta' l-istess konvenut.  Tastjeni mit-talba ghal hlas.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------